Newspaper Post

# Żminijietna

żminijietna leħen ix-xellug

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 24 Ottubru - Diċembru 2014 40c



**F'intervista li ta' esklussivament lil Żminijietna f'Malta, Dr Ali Benigassan, Professur tas-Soċjoloġija, u ex- Ambaxxatur Ċilen fl-Alġerija taħt it-tmexxija ta' Salvador Alleande qalilna li**

*"L-ikbar tradiment tax-Xellug hu li aċċetta li Pinochet jaħrab mil-pajjiż u li l-pajjiż jitmexxa bl-istess mudell li ntroduċa Pinochet meta kien fil-ħakma tal-poter".*

Dr Ali Benigassan kien anke immilita fil-fergħa studenteska taż-żgħażagħ soċjalisti u kien attiv fil-partit Soċjalista Ċilen.

Fl-intervista, Dr Ali Benigassan kompla jitkellem dwar l-avvenimenti li qed jseħħu llum fiċ-Ċili, il-ħatra riċenti tal-presidenta ċentru-xellugija Michelle Bachelet u dwar il-problemi li qed jiffaċċja x-xellug llum fid-dinja.

Wieħed jista' jaqra' l-intervista kollha ma' Dr Ali Benigassan f'paġna 4.

## Ġewwa...


- ***L-Editorjal - Reżistenza kontra Neoliberaliżmu***
- ***L-Ewwel Għaqdiet tal-Ħaddiema fl-Inghilterra*** - *Alfred Consiglio*
- ***L-Istupru ta' Gaża*** - *Victor Degiovanni*
- ***Pensjoni ta' l-Istat*** - *Carmel Mallia*
- ***Informazzjoni dwar Ktieb Ġdid - 'A Dawn in Seville'*** - *Maryanne Zammit*
- ***"The Environmental Impact and Civil Society Matters following Malta's EU Accession"*** - *Michael Briguglio*


*Ewropa Soċjali – Front Kontra TTIP (Malta)*

# TRATTAT PERIKOLUŻ

Preżentament għaddejjin numru ta' laqgħat hekk imsejħa "sigrieti" bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti biex jidħol fis-seħħ trattat ta' ftehim Transatlantiku ta' Kummerċ u Investiment bejn iż-żewġ kontinenti (TTIP). Ftehim li se jagħti poter assolut lill-kumpaniji privati biex ifittxu l-gvernijiet għad-danni f'każ li l-investiment tagħhom jiġi ostakolat minn regolamenti interni tal-pajjiż.




Ftehim simili ta' suq aktar miftuħ 'Free trade Agreement' bejn l-Istati Uniti u diversi pajjiżi ġirien fl-Amerika Latina diġa huma 'invigore'. Dana wassal biex Kumpanija maġġuri fl-El Salvador tfittex il-gvern għad-danni għal miljuni kbar ta' flus, wara li l-awtoritajiet fil-pajjiż ma' tawx permess biex il-kumpanija 'Oceana Gold' tkompli tħaffer għad-deheb. Li kieku l-permess ħareġ, kieku r-riservi tal-ilma li baqa' fil-pajjiż kienu jispiċċaw ikkontaminati.

90% ta' l-ilma f'El Salvador diġa huwa kontaminat, u dan qed jitfa' l-familji u l-komunitajiet f'risjku kbir ta' mard, kontaminazzjoni tal-ikel, u nuqqas fl-istess produzzjoni ta' l-ikel. Il-familji qed jispiċċaw jew jikkonsmaw ilma kontaminat jew inkella jixtru dak ibbottiljat mill-ħwienet.

Infatti l-komunità ġewwa San Sebastian, f'El Salvador ġiet sfurzata tixtri ilma fil-flixken wara li kumpanija li l-investiment tagħha huwa fi tħaffir għar-riżorsi minerali kkontaminat l-uniku nixxiegħa u riserva ta' l-ilma f'dik iż-żona. Attivisti fil-komunità rriskjaw ħajjithom biex jopponu dan it-tħaffir. Dan l-aħħar attivista bl-isem ta' Dora Alicia Recinos Soto, li kienet bi tqala ta' 8 xhur spiċċat maqtula quddiem id-dar tagħha stess, oħrajn għaddew mill-istess ċirkostanzi.

Il-Gvern xellugi li ġie elett riċentament f'El Salvador diġa ipprojbixxa lill-kumpanija 'Oceana Gold' minn liċenzja, wara li l-kumpanija naqqset milli taderixxi ma' regolamenti nazzjonali li jipproteġu id-drittijiet tal-persuna u l-ambjent. Imma minflok ma' rrispettat din id-deċiżjoni demokratika, il-kumpanija qed tieħu vantaġġ minn regolamenti internazzjonali msejħa "Investor State Arbitration" li ġew maħluqa apposta b'trattati ta' kummerċ internazzjonali li jagħtu saħħa lill-kumpaniji biex jfittxu l-gvernijiet għad-danni jekk l-investiment tagħhom jkun mhedded. U dan li jista' jiġri jekk it-TTIP jidħol fis-seħħ.

Fl-Ewropea qed tikber il-mewġa ta' movimenti u partiti li qed jopponu dan il-ftehim. F'Malta l-istess, dan l-aħħar ġie mniedi Front bl-isem Ewropa Soċjali: Front Kontra TTIP (Malta), li sa llum jinkludi numru ta' organizazzjonijiet u partiti li huma:

*Żminijietna – Leħen ix-Xellug; l-Alleanza Kontra l-Faqar; Moviment Graffitti, Friends of the Earth Malta, l-Assoċjazzjoni ta' Soċjalisti Federalisti; GWU Youths, Ġnien tal-Għerf, l-Partit Komunista Malti u ADZ - Green Youths.*

Il-Front qed jistieden għaqdiet oħra, partiti politiċi, u ndividwi nteressati biex jingħaqdu f'din l-inizzjattiva billi jikkuntattjaw lill-Front Kontra TTIP fuq socialeuropemalta@outlook.com

Il-Front Kontra TTIP (Malta) hu tal-fehma li "jekk jiġi approvat, it-TTIP se jħalli mpatt anti-soċjali li jiftaħ it-triq għal aktar dominanza minn kumpaniji kbar u aktar kummerċjalizazzjoni ta' oqsma varji u servizzi pubbliċi essenzjali. Dan jhedded l-impjiegi u se jwassal għall-livelli aktar baxxi li huma ta' detriment għas-saħħa pubblika, is-sigurtà pubblika, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-konsumatur, u l-protezzjoni ambjentali. Żoni affettwati jinkludu il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, il-kultura, servizzi soċjali varji u l-ambjent naturali. Il-ħaddiema, il-konsumatur u l-intrapriżi żgħar l-aktar li se jintlaqtu f'dan il-proċess.

Ewropa Soċjali: Il-Front Kontra TTIP (Malta) se jkun qed jappella l-Gvern Malti u l-Membri Maltin fil-Parlament Ewropew biex jopponu l-proposta ta' ftehim Transatlantiku ta' Kummerċ u Investiment bejn l-UE u l-Istati Uniti.

Skond it-Trattat Ewropew u l-Funzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja (Artiklu 207(3) u Artiklu 218 ta' TFEU), id-deċiżjoni finali ta' TTIP tista' tiġi biss konkluża mil-Kunsill tal-Ministri u l-Istati Membri jekk la darba l-Parlament Ewropew jagħti l-kunsens tiegħu.

Nħeġġu aktar għaqdiet politiċi, soċjali, edukattivi, tan-nisa, ambjentali u oħrajn, trejdjunjins, partiti u attivisti biex jingħaqdu f'dan il-Front sabiex nkunu forza li tista' ġġib il-bidla fl-Ewropa. Malta se tipparteċipa fi Jum ta' Azzjoni Kontra TTIP fi 11 ta' Ottubru.

# L-EWWEL GĦAQDIET tal-ĦADDIEMA fl-INGHILTERRA

*minn Alfred Consiglio*

Ix-xogħol iebes li affronta l-moviment tal-ħaddiema kien li jaħtaf il-poter politiku minn għand is-sidien tal-propjetà, li d-dittatorjat klassista tal-ħaddiema jkun affermat fuq il-gwerra u l-miżerja u ġuħ tal-umanità. Ix-xogħol kien li jistabbilixxi poter tal-istat ġdid, dittatorjat rivoluzzjonarju popolari, appoġġat mill-maġġoranza vasta, il-produtturi sfruttati, li jkunu organizzati u mmobbilizzati biex jiġġieldu għad-drittijiet u l-interessi tagħhom.

L-isfida fuq quddiemnett tal-klassi ħaddiema tkun imbagħad li tuża l-arma qawwija maħluqa, gvern tal-ħaddiema, sabiex tiddefendi l-akkwisti inizzjali u tibda proċess biex tibdel il-pedamenti ekonomiċi tas-soċjetà kif ukoll ir-relazzjonijiet soċjali li joħorġu mill-qasma tal-umanità fi klassijiet bejn dawk li għandhom ħafna u dawk li m'għandhom xejn.

Kull ġlieda rivoluzzjonarja sa mill-1848, kemm jekk spiċċat f'rebħa jew telfa, stagħniet il-fehmiet tagħna kif il-klassi ħaddiema tista' timxi aktar sigura u mgħaġġla matul din il-linja strateġika kif imfissra fil-Manifest tal-Partit Komunista fl-1848.

Fl-1847 fl-ewwel snin tal-moviment rivoluzzjonarju modern, Engels kiteb li "*l-komuniżmu ma hux duttrina imma moviment"*; hu jissokta mhux minn prinċipji iżda minn fatti. Il-punt tat-tluq tiegħu mhux xi għan filosofiku jew etiku, iżda l-korsa sħiħa tal-istorja preċedenti. Kif imfisser fi programm politiku, Engels kiteb li l-komuniżmu hu sempliċiment l-espressjoni teoretika tal-pożizzjoni tal-proletarjat, f'din il-ġlieda, u l-ġabra teoretika tal-kundizzjonijiet għall-liberazzjoni tal-proletarjat.

Meta l-pedamenti politiċi tal-moviment soċjalist kieu lesti, il-maltemp tar-rivoluzzjonijiet tal-1848 fl-Ewropa kienu viżibbli għal kulħadd.

F'laqgħa li saret f'Diċembru tal-1847 f'Londra, grupp żgħir ta' ħaddiema rivoluzzjonarji, il-biċċa l-kbira Ġermaniżi, ffurmaw għaqda ġdida, magħrufa bħala l-Klabb Komunist jew l-Assoċjazzjoni Edukattiva tal-Ħaddiema Ġermaniżi (*Deutsche Arbeiter Bildungs Verein)* (DABV).

Londra ħaddemija tas-seklu dsatax kotrot bi klabbijiet. Xi whud kellhom il-post tagħhom, filwaqt li oħrajn kienu jiltaqgħu fi kmamar fis-sular ta' fuq ta' ħwienet tax-xorb. Kienu jwettqu ħafna xogħol, ilaqqgħu l-ħaddiema u jiddiskutu ideat politiċi u jorganizzaw attività politika, kif ukoll soċjali, imħaddmin mill-membri stess. Il-ħajja fil-każini kienet parti kruċjali fl-iffurmar ta' movimenti tal-massa bħal ma kienu l-Kartisti u l-Lega ta' Riforma tal-1860.

Refuġjati politiċi mir-reġimi repressivi fl-Ewropa ffurmaw, speċjalment fil-West End ta' Londra, ħolqa bejn din ix-xena ta' każini radikali maħluqin fl-Ingilterra, u l-attività rivoluzzjonarja fil-kontinent Ewropew. Ħafna refuġjati politiċi Ġermaniżi kienu attivi kemm biex jappoġġaw attività sovversiva klandestina f'pajjiżhom, u kemm fil-movimenti soċjali u politiċi fl-Ingilterra.

Il-Klabb Komunista kien essenzjalment klabb soċjali għall-emigranti politiċi Ġermaniżi, li, taħt diversi ismijiet, opera minn diversi postijiet f'Londra. Ħafna mill-personaġġi xellugin ta' dak iż-żmien kellhom xi assoċjazzjoni mal-klabb, iżda l-aktar wieħed importanti kien Karl Marx (1818-1883).

Il-Klabb ifforma ħolqa istituzzjonali importanti bejn il-Kartiżmu, soċjaliżmu utopiku, l-Ewwel Internazzjonal, anarkiżmu bikri, is-*Social Democratic Federation* u l-mewġa ġdida ta' soċjaliżmu marxist ta' dak iż-żminijiet bħal ma kienu s-*Socialist Party of Great Britain* u s-*Socialist Labour Party.*

Il-Klabb ifforma wkoll rabta importanti bejn il-movimenti soċjalisti Ingliżi w Ewropej.

Il-Klabb Komunista beda bħala d-*Deutsche Demokratische Gesellschaft* (Soċjetà Demokratika Ġermaniża) iffurmat fis-7 ta' Frar 1840 minn seba' membri tal-*Bund der Gerechten* (Lega tal-Ġusti) fosthom Karl Schapper (1812-1870), Joseph Moll (1818-1849) u Heinrich Bauer (1813-?).

Il-Lega tal-Ġusti kienet stabbilita f'Pariġi fl-1836 wara qasma mill-elementi l-aktar estremi, partikularment proletarji, tal-Lega tal-Imwarrbin, lega sigrieta repubblikana demokratika, li kienet iffurmata minn refuġjati Ġermaniżi f'Pariġi fl-1834. Oriġinarjament nazzjonalista-demokratika fl-ideoloġija, immexxija minn Wilhelm Weitling (1808-1871), il-Lega tal-Ġusti ma damitx ma saret soċjalista utopika.

Schapper u Bauer kienu eżiljati lejn Londra wara li kienu arrestati wara azzjoni ribelluża f'Pariġi fit-12 ta' Mejju 1839. Schapper, minn Weilburg, kellu storja mqanqla sew, wara li kien involut f'konfoffi radikali mill-istudenti fi Frankfurt, u kien ipparteċipa fl-attakk fuq l-għassa tal-pulizija fit-3 ta' April 1833, u kien ħa sehem fil-Marċ ta' Mazzini fi Frar 1834. Għal bidu kien student tax-xjenza forestali, wara sar kompożitur, iżda f'Londra sab xogħol bħala għalliem tal-lingwi, u żżewweġ mara Ingliża.

Bauer kien minn Frankow, skarpan, persuna umoristika, ferrieħi, fuq tiegħu, li minkejja l-istatura żgħira tiegħu, kien jilħaqlu ħafna u ta' diterminazzjoni. Moll, arluġġar minn Cologne, kien bniedem qawwi, felħan, ta' statura medja.

Schapper iddikjara li r-raġuni li jifforma l-Klabb kienet li l-fundaturi tas-soċjetà ddeċidew li jagħmlu l-edukazzjoni l-pedament tal-moviment u mhux iħallu lilhom jitmexxew minn mexxejja. Din kienet reazzjoni għad-disfatti tal-moviment tal-ħaddiema fis-snin 1830 li kienu mogħtijin tort fuq in-nuqqas ta' edukazzjoni politika tal-klassi ħaddiema.

Il-Klabb sar l-għaqda ewlenija tal-ħaddiema Ġermaniżi f'Londra. Minkejja li kważi sfaxxa fl-1841, l-imseħbin żdiedu għal aktar minn 30 qabel l-1844, u 130 fl-1845, u sal-1847 kienu jlaħħqu 500.

L-ideoloġija tat-tmexxija kienet differenti inevitabbli minn dik tal-membri, li kienu probabbli interessati aktar fil-benefiċċji prattiċi. F'livell prattiku, il-Klabb kien assoċjat ma' komun żgħir ta' 5 min nies, imwaqqaf għal skopijiet ta' sosteniment. F'Settembru 1844 il-Klabb ħa sehem f'laqgħa biex jilqa' lil Weitling, imma l-għaqda warrbet l-ideat tiegħu fl-1846. Sal-aħħar ta' dik is-sena, il-Klabb kien qed jopponi n-nazzjonaliżmu u kien sar aktar radikali.

Sa mill-bidu, il-Klabb kien f'kuntatt mal-*Kommunistischen Korrespondenzkomitee* ta' Marx, u f'Settembru 1845 ħa parti fil-formazzjoni tal-*Fraternal Democrats*, organizzazzjoni internazzjonali tal-ħaddiema mmexxija minn Julian Harney (1817-1897).

Il-*Fraternal Democrats* kienet għaqda stabbilita f'Londra fit-22 ta' Settembru 1845. Is-soċjetà ġabret Kartisti xellugin, ħaddiema Ġermaniżi u emigranti rivoluzzjonarji oħrajn. Fl-1847 ingħaqdet mal-Lega Komunista, iżda ma baqgħetx tiffunzjona wara l-1853.

L-ewwel laqgħat tal-Klabb kienu jsiru fir-***Red Lion*** fi Great Windmill Street. Fis-sajf tal-1846 il-Klabb kellu sala fil-***White Hart*** fi Drury Lane, fejn il-Klabb sata' joffri arloġġ bl-irħis lil membri.

F'Marzu w April 1847 id-DABV ħadet sehem f'diskussjonijiet mas-*Société Démocratique Francaise* u r-*Réunion des Réfugiés Politiques*, żewġ gruppi ta' refuġjati Franċiżi. L-għaqda kienet qed issir aktar kosmopolitana.

Marx u Engels kienu f'kuntatt mal-Lega tal-Ġusti sa mill-1847. Huma ssieħbu mal-Lega fis-sajf tal-1847 u ġiet ri-organizzata bħala soċjetà demokratika ta' propaganda, u ssemmiet il-Lega Komunista. Kien għal din l-organizzazzjoni li nkiteb il-Manifest Komunista. Il-qari u l-adozzjoni ta' dan il-manifest probabbli sar fis-sala tal-bini tal-Klabb Komunista fi ***Drury Lane***.

Fl-istess ħin, il-Klabb beda jissejjaħ *Kommunistische Arbeiter Bildungs Verein* (Assoċjazzjoni Komunista tal-Ħaddiema).

Wara r-rivoluzzjoni tal-1848 fi Franza, l-eżiljati rritornaw lejn il-Ġermanja fejn il-Lega lagħbet parti sinjifikanti fl-irvellijiet ta' dik is-sena. Il-ġrajjiet affetwaw severament lill-Klabb u għalaq fis-sajf tal-1848.

Moll safa maqtul f'azzjoni kontra l-armata Prussa fl-1849 iżda l-bqija marru lura lejn Londra. Il-Lega kienet organizzata mill-ġdid f'Londra fil-ħarifa tal-1849.

Marx, f'dan iż-żmien, reġa' kellu kuntatt mal-Klabb u beda jagħti taħdidiet fuq l-ekonomija politika. Oħrajn li taw taħdidiet, f'dan iż-żmien, kien il-Kartist Ernest Jones (1819-1869).

Marx u Engels, Bauer u Luigi Wolff (1810-1875) telqu mill-Klabb fis-17 ta' Settembru 1850 minħabba li l-Klabb kien qed imur lejn utopjaniżmu. Il-Klabb safa affetwat mill-ġurijiet ta' komunisti f'Cologne bejn l-4 ta' Ottubru u t-12 ta' Novembru 1852. Il-Klabb beda jissejjaħ *Londoner Deutsche Arbeiter Bildungs-Verein*. Kien jidher ċar li l-element komunist kien qed ikun imċekken u injurat.

Lejn tmiem il-ħamsinijiet, Marx rega' nvolva ruħhu fil-Klabb, jagħti taħdidiet, u kien mistieden għall-għoxrin anniversarju tal-Klabb li sar fis-6 ta' Frar 1860.

Meta twaqqaf l-Ewwel Internazzjonal, il-Klabb beda jifforma parti minnu. Fil-fatt, membri tal-Klabb kienu fuq il-Kunsill Ġenerali. Fl-1870 insibu lill-Klabb jagħmel parti mis-*Social Democratic Club* u l-*English Revolutionary Society.* Tal-aħħar kienet iffurmata minn Frank Kitz (1849-1923) fl-1872.

Il-Klabb kellu kuntatti estensivi ma' *Homerton Socialist Society* immexxija minn Joe Lane (1850-1920). Din kienet bdiet fl-1880 wara li kien hemm qasma tal- *iStratford Dialectical and Radical Club,* immexxi minn Ambrose Barker (1859-1953), minn man-*National Secular Society.* Fl-1881 il-Klabb abbanduna l-attivitajiet tiegħu iżda baqa' jeżisti bħala l-*Homerton Socialist Society*. Barker u Tom Lemon issieħbu ma' Lane u Kitz biex iffurmaw il-*Labour Emancipation League*, li kienet influwenzata mill-Marxiżmu u mill-Proudhoniżmu. Fl-1884 is-soċjetà ssieħbet mas-*Social Democratic Federation.*

Fl-aħħar snin tal-eżistenza tiegħu, il-Klabb sar aktar klabb soċjali. Ħassieba xellugin bħal Engels, George Bernard Shaw (1856-1950) u Keir Hardie (1856-1915) kollha taw taħdidiet.

Ftit wara l-1902 Lenin u Stalin żaru l-Klabb b'konnessjoni mat-Tieni Kungress tar-*Russian Social Democratic Labour Party.*

Il-moviment marxist fl-Inghilterra beda fl-1880 meta Henry Hyndman (1842-1921), negozjant, sar familjari ma' ***Capital*** ta' Karl Marx. Politiku ambizzjuż, Hyndman sejjaħ, f'Ġunju 1880, għall-iffurmar ta' partit ġdid, li huwa sejjaħ *Democratic Federation*. Ftit wara, fl-1884, is-soċjetà bdiet tissejjaħ *Social Democratic Federation*, li sejjħet għal nazzjonalizzazzjoni u ġurnata xogħol ta' tmien siegħat. Fost ir-radikali li ssieħbu mas-soċjetà kien hemm William Morris (1834-1896), Edward Aveling (1849-1898) u Eleonor Marx (1856-1898), it-tifla ż-żgħira ta' Marx.

Hyndman iddomina lis-soċjetà billi kien iħallas ta' kollox; il-ġurnal tas-soċjetà *Justice*, tilef ħafna flus. Però n-nuqqas ta' rieda u l-antipatija, li Hyndman iġġenera fost l-imseħbin, waslu fl-eqqel tagħhom fil-festi tal-Milied tal-1884. Fit-23 ta' Diċembru 1884 f'laqgħa tal-Kunsill tas-*Social Democratic Federation*, Hyndman kien akkużat b'diversi offiżi, fosthom li sejjaħ anarkist lil sieħbu mingħajr raġuni. Wara dibattitu mtawwal, fis-27 ta' Diċembru, Hyndman kien iċċensurat, u wara l-maġġoranza tal-membri tal-Kunsill irriżenjaw.

Il-membri li telqu mis-soċjetà ffurmaw għaqda ġdida msejjħa *Socialist League* li kienet imwieżna finanzjarjament minn Morris. Engels kien sa jtir bil-ferħ rigward il-qasma w iddikjara ma' Eduard Bernstein (1850-1932) li kien sodisfatt li kien ra l-għelt kollu mill-bidu, wiżen korrettament lin-nies involuti, u nebbaħ x'sa jkun it-tmiem .

Sfortunatament, għal Engels, kienet is-*Socialist League* li spiċċat mgħarrqa bil-qasma, filwaqt li s-*Social Democratic Federation* ħarġet mill-ġlied fazzjonali b'Hyndman aktar sod fil-kontroll tal-għaqda.

Referenzi:


1. Friedrich Engels: *On the History of the Communist League* in *"Selected Works of Marx and Engels"* Lawrence & Wishart, 1973.
2. John Saville: *Ernest Jones: Chartist*, 1952.
3. Stan Shipley: *Club Life and Socialism in Mid-Victorian London*, History Workshop, 1971.

*Editorjal*

# Reżistenza Kontra Neoliberaliżmu

Dan l-aħħar snin sirna nisimgħu ħafna proposti ekonomiċi msejsa fuq politika neoliberali. Politika, li wieħed mill-imħuħ warajha kien Milton Friedman. Ir-riżultat ta' din il-politika f'ħafna pajjiżi kien żieda fil-ħaddiema foqra, prekarjetá, qerda ambjentali, awsteritá, u privatizazzjoni ta' servizzi pubbliċi.

Inkwetanti hu l-fatt li ż-żewġ partiti ewlenin f'Malta wkoll qabdu din il-linja ta' ħsieb, u qed idaħħlu din il-politika ekonomika 'baxx baxx' f'kull sfera tal-ekonomija Maltija.

L-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, il-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija u 'Today Public Policy Insitute' lkoll qed joħorġu numru ta' proposti li oħroġ il-għaġeb kollha jippromwovu miżuri neoliberali, fosthom l-iżmantellar tal-mekkaniżmu eżistendi tal-COLA , aktar privatizazzjoni, paga minima li ma togħliex, aktar flessibilitá fis-suq tax-xogħol u aktar restrizzjonijiet fil-benefiċċji soċjali.

Min naħa l-oħra għandek il-Unjins li jistgħu jkunu forza b'saħħitha f'Malta li tista' twaqqaf din il-mewġa ta' neoliberaliżmu. Imma l-fatt li l-Unjins mhumiex daqshekk magħqudin flimkien, għalkemm jista' jkun li hemm xi tama żgħira, se tkun diffiċli li dawn jopponu din it-tip ta' politika.




Infatti minħabba dan in-nuqqas, il-gvernijiet f'Malta qed isibuha faċli biex jdaħħlu miżuri neoliberali li huma assoċċjati ma' politika tal-lemin. Dana jfisser li l-Gvern Malti li ġej miċ-ċentru xellug wkoll qed jappoġġja din it-tip ta' politika.

Dana juri li f'Malta hemm il-ħtieġa tal-qawmien ta' moviment xellugi u progressiv sabiex tinħoloq reżistenza progressiva kontra din il-politika. Il-Front li nħoloq dan l-aħħar f'Malta kontra TTIP huwa eżempju realistiku ta' din it-tip ta' reżistenza. Reżistenza li qed tqum mal-Ewropa kollha.

Minn naħa l-oħra wieħed jistenna u jara x'se tkun il-pożizzjoni tal-Gvern Malti fuq it-TTIP, Gvern li ġej minn Partit li ftit ta' snin ilu ħa pożizzjoni kontra l-ACTA.

Wieħed jistaqsi kif mhuwiex jqajjem daqshekk tħassib f'Malta l-fatt li l-ftehim ta' TTIP bejn (l-US u l-UE) huwa wieħed sigriet?

Issa wkoll ħarġet l-aħbar mill-Kummissjoni Ewropea li l-Inizzjattiva Ewropea taċ-Ċittadini (ECI), biex jinġabru miljun firma biex dan it-Trattat jkun suġġett għal aktar diskussjoni fuq livell Ewropew ġiet irrifjutata mill-istess Kummissjoni. Għal darb'oħra qed naraw li ċ-ċittadini Ewropej mhumiex jitħallew jipparteċipaw b'mod demokratiku fuq kwistjonijiet li żgur se jġibu bidla fil-livell tal-għajxien tagħhom.

L-istess kien ġara fi Trattat Ewropej meta ġie abolit l-użu tar-referenda, wara li l-poplu Franċiż u dak Olandiż ivvotaw b'mod demokratiku f'referenda kontra Trattat Ewropew li wkoll kien qed jippromwovi politika neoliberali, ta' prekarjetá u privatizazzjoni.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-hidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa. (Kaxxa Isfel URL Żminijietna).**

# L-Istupru ta' Gaża

***minn Victor Degiovanni***

L-attakk Iżraelit f'Gaża li beda fi Frar ta' din is-sena u kompla sa parti kbira tas-sajf ma kienx gwerra kif fil-midja tal-punent falzament irraportat, imma aggressjoni flagranti, bi skop wieħed ta' ġenoċidju għas-sempliċi raġuni li l-Iżrael issa trid tippossjedi l-art ta' Gaża u mhux aktar tokkupa militirjament din l-art.

Ir-raġuni wara dan kollu, ma kienx il-qtil ta' tliet żgħażagħ Lhud, li awtoritajiet Iżraeliti kienu jafu li l-Ħamas ma kienux involuti f'dan il-qtil, imma għalfatt li depożiti taż-żejt ġew skoperti fl-ibħra ma' xtut ta' Gaza. (ara ritratt)

L-Inkwiet fil-Palestina, għax min dejjem kien l-isem propju ta' din l-art, ġie mqanqal miż-Żijoniżmu li qatt ma qabel massoluzzjoni ta' żewġ stati separati, imma dejjem emmen li kien jippossjedi l-Palestina bi dritt u tkun biss inħabitata min nies li jkunu jħaddnu reliġjon Ġudajka.

Hawnhekk irridu nagħmluha ċara li mhux il-Lhud kollha huma żijonisti hu li ma hemm l-ebda Etniċita Lhudija. Tkun Lhudi biss jekk tkun tħaddan ir-reliġjon Ġudajka. Fil-fatt dawk il-Lhud li jikkonvertu għal xi reliġjon oħra ma jibqgħux jitqiesu bħala Lhud.

Iż-Żijonizmu kellhu l-bidu tiegħu fl-1897 minn Theodor Herzl, Ġurnalist Awstro-Ungeriż wara li huwa ppublika il-ktieb "Der Judenstaat". Dan il-ktieb kien strumentali biex twaqqaf moviment politiku nazzjonalista sabiex il-Lhud ikollhom l-Istat tagħhom. Dawn riedu l-art tal-Palestina sabiex jistabilixxu l-Istat ta' Iżrael, billi kienu jibbażaw l-argumenti tagħhom fuq ir-renju mitiku ta' Re David li ħlief fil-Bibbja ma




hemm l-ebda prova storika, jew arkeoloġika li dan ir-renju qatt eżista.

Biex naqtaw l-istorja fil-qasir Lloyd George Prim Ministru ta' l-Imperu Ingliz, wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, illegalment kien wiegħed liż-Żijonisti li l-Palestina kellha tingħatha lilhom ħalli jkunu jistgħu jistabilixxu l-istat tagħhom hemmhekk. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-Palestina kienet ippopulata b'żewġ terzi ta' poplu indiġenu Palestinjan u terz taħlita ta' emigranti Lhud u oħrajn, li kienu jgħixu fil-Palestina f'armonija mal-Palestinjani.

Minħabba l-fatt ta' l-Olokawst imwettaq mill-Ġermanja Nażista fuq il-Lhud Ewropej, kien hemm simpatija kbira lejn il-Lhud. Il-Ġnus Maqgħuda riedet taqsam il-Palestina f'żewġ stati separati. Ħafna mill-pajjizi speċjalment dawk ta' Tielet Dinja ma kienux interessati li jagħtu l-appoġġ għat-twaqqif ta' l-Istat Lhudi, imma ġara li l-Istati Uniti bdiet tixtri l-voti ta' dawn il-pajjiżi sakemm żgurat li jkun hemm maġġoranza favur il-kawża żijonista.

Meta fl-1948 il-Ġnus Maqgħuda qasmet il-Palestina b'dannu kbir għal Palestinjani, dawn tilfu parti kbira min arthom, meta nġustament 66% ta' l-Art ġiet mgħotija liż-Żijonisti li kienu jammontaw biss għal 33% tal-popolazzjoni.

Malli ġie iddikjarat l-Istat ta' l-Iżreal iż-Żijonisti bdew inaddfu l-art mgħotija lilhom mill-Palestinjani li sekli shaħ, ġenerazzjonijiet ta' ġenerazzjonijiet għexu hemm. Mijiet ta' rħula żgħar sfaw meqruda u ħafna mill-abitanti li ma laħqux ħarbu ġew immassakrati. Il-maġġorita tal-Palestinjani spiċċaw refuġjati f'kampijiet tal-Ġnus Maqgħuda.

Iż-Żijonisti ma kienux kuntenti b'dak li rnexxilhom jieħdu. F'nofs is-snin sittin tas-seklu l-ieħor qanqlu gwerra għax riedu jdawwru r-rotta tax-xmara Ġordan biex tgħaddi mit-territorju tagħhom biss. Irriżulta li f'din il-gwerra ħatfu ħafna territorji tal-Palestinjani fost dawn in-nofs l-ieħor ta' Ġerusalem, it-territorju magħruf bħala x-Xatt tal-Punent, u kif ukoll Gaża.

L-Iżrael għadu sa llum jisfida lill- Ġnus Maqgħuda billi ma jobdiex ir-riżoluzzjonijiet sabiex jirritorna l-art li kienu ħatfu fil-Gwerra, u jiżmantella s-settlements li bena fuq l-art okkupata. L-Iżrael qed jisfida bis-saħħa tal-Veto ta' l-Istati Uniti. Illum l-Istati Uniti wkoll qed tagħmel Veto għall-mozzjonijiet ta' kundanna għall-krimini tal-gwerra mwettqa mill-Forzi Iżraeliti ġewwa Gaża illum, u fix-Xatt tal-Punent drabi oħra.

# L-IKBAR TRADIMENT TAX-XELLUG

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tintervista lil Dr Ali Benigassan (ritratt fin-nofs) – *Professur tas-Soċjoloġija, ex- Ambaxxatur Ċilen fl-Alġerija taħt it-tmexxija ta' Salvador Alleande, immilita fil-fergħa studenteska taż-żgħażagħ soċjalisti u kien attiv fil-partit Soċjalista Ċilen.*

**X'ġiegħlek tistudja s-soċjoloġija u timmilita fil-politika?**

Bdejt l-istudji tiegħi fil-kirurġija u gradwajt bħala dentist. Komplejt nistudja is-"sanità pubblika" u wara fl-1972 ġejt trasferit il-Cairo, l-Eġittu biex naħdem għal sena fil-qasam tas-saħħa pubblika, f'żoni rurali. Din kienet esperjenza kbira għalija li ħalliet impatt kbir f'ħajti li ġiegħlitni nibda nistudja s-soċjoloġija fl-Universita ġewwa ċ-Ċili, fejn fl-1979 iggradwajt. Ftit wara li gradwajt, ingħatajt l-inkarigu ta' segretarju fil-fakulta tas-soċjoloġija, fejn hemm ħdimt fil-qrib ma' professuri kbar fosthom Almeida li kien għamel żmien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Affarijiet Barranin taħt l-era ta' Salvador Alleande.

Dħalt fil-politika, fil-livell studentesk, meta kont għadni fil-liċeo 'Jose di Torino La Staria', mlaqqam hekk għall-ħassieb kbir liberali. Waqt iż-żmien tal-liċeo dħalt wkoll nimmilita fil-partit Soċjalista u minn hemm flimkien ma' studenti oħra għaqqadna moviment ta' l-istudenti bl-isem ta' "*La Federazione Giovanile Socialista Studenteska".* Wara dħalt nimmilita fil-*Brigada Universitaria de Socialista (BUS).* F'din il-Brigada konna norganizzaw manifestazzjonijiet, protesti favur riforma fl-edukazzjoni, u ħafna attivitajiet oħra politiċi.

Konna wkoll nżuru l-komunitajiet foqra magħrufa bħala 'favelas', ħafna minnhom kienu nies ġejjien mill-irħula. Konna ngħinuhom f'dik li hi kura tas-saħħa, edukazzjoni, ikel, u anke ngħallmuhom fuq livell ideoloġiku biex jorganizzaw lilhom infushom. Filfatt konna norganizzaw flimkien diversi kampanji favur aċċess għall-ilma nadif, djar diċenti, iġene u saħħa pubblika etċ.

S'intendi kien fl-era ta' Salvador Alleande (ritratt fuq ix-xellug) li bdew jingħataw dawn l-affarijiet. Il-gvernijiet preċedenti, b'ideoloġija liberali u demokristjana kważi m'għamlu xejn għal dawn in-nies. Kienu jqisu l-poplu tal-'Favelas' bħala *klijentela elettorale*, fejn b'naqra prodotti tal-ikel kienu jixtruhom biex jivvutaw id-demokristjani. S'intendi kienet nies li ma tafx taqra' u tikteb.

Fl-1969, il-Partit Soċjalista kien preżentani bħala wieħed mid-deputat kandidat tal-partit. Ma kontx ġejt elett, imma ftit wara lħaqt bħala diriġent ġenerali ta' l-affarijiet barranin. Il-partit Soċjalista kien jħaddan politika purament marxista; ta' appoġġ għall-moviment revoluzzjonarju f'Kuba, dak Brażiljan, Bolivarjan, tal-Paragwaj u pajjiżi oħra fl-Amerika Latina.

Tajjeb li tkunu tafu li Salvador Alleande ġie elett demokratikament fl-1970, b'marġini ta' 4% aktar. L-ewwel riformi soċjali taħt il-gvern ta' Alleande kienu ġabu l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa kollha kemm hi bla ħlas. Ta' l-Istat biex nifhmu aħjar! U minn hemm bdew jiddaħħlu aktar riformi soċjali.

Dak iż-żmien ġejt maħtur bħala Ambaxxatur f'Alġeria. Il-ħidma tiegħi hemmhekk kienet biex l-Alġerija tiġi rikonoxxuta bħala pajjiż li qed jiġġieled għall-ħelsien mil-kolonjaliżmu Franċiż. Fl-10 ta' Settembru 1973, waqt li kont f'laqgħa Tri-Kontinentali organizzata mil-moviment Non-Alinejat, fl-Alġerija, seħħ il-kolp ta' Stat fi Ċili fuq Salvador Alleande u kullħadd jaf llum x'kienu l-konsegwenzi.



Fl-1973, irnexxili, flimkien ma' dawk kollha eżiljati, li niltaqgħu ġewwa Ruma, bl-appoġġ tal-partit Komunista Taljan mmexxi minn Belinguer u tal-partit Soċjalista mmexxi minn Francesco de Martino. L-għan kien biex noħolqu grupp esteru kontra l-ħakma ta' Pinochet bl-isem ta' '*Chile Democratico'*. Dana wassal biex fl-Alġeria jinħoloq il-grupp bl-isem ta' '*Resistenza Civile della Chile'*, u anke f'Moska u f'pajjiżi oħra fid-dinja nħolqu diversi gruppijiet, li lkoll sabu l-appoġġ min-nies tal-post. L-għan kien biex ninformaw lill-pubbliku u lill-istampa Internazzjonali b'dak li kien għaddej fi Ċili. Bqajt l-Alġerija sa 1977, u wara mort naħdem l-Italja fil-professjoni tiegħi bħala professur tas-soċjoloġija u b'ħidma fil-qrib mal-Partit Komunista Taljan u partiti oħra tax-xellug.



Tista' tgħid, li r-reżistenza kontra Pinochet aktar ma jgħaddi żmien aktar bdiet tiħrax, u fl-1989 permezz ta' referendum popolari, Pinochet ġie mġiegħel jitlaq mil-pajjiż, biex ftit wara ssir elezzjoni. U hemmhekk bdiet problema oħra!

**X'ġiegħel il-Pinochet jitlaq mil-pajjiż?**

Il-verżjoni l-propja hi li fl-1989, koalizjoni ta' gruppi xellugin, la *sinistra cristiana, partito socialista Chileno, partito radicale Chileno, u l-partito del movimento azione popolare unitaria* daħlu fi ftehim mad-dipartiment tal-Istat Amerikan biex Pinochet joħroġ mil-pajjiż, imma b'kundizzjoni waħda, li l-pajjiż jibqa' jitmexxa bl-istess mudell ekonomiku li kien introduċa Pinochet, mudell imfassal mil-istat Amerikan ta' *sistema neoliberalista.* Filfatt minn sorsi nfurmati sew, l-Istat Amerikan ta numru sostanzjali ta' flus biex dan il-ftehim jintlaħaq.

Infatti, s-sistema li kien introduċa Pinochet baqgħet tiġi pratttika fosthom; is-sistema elettorali *minominale a maggioranza assoluta;* u s-sistema tax-xogħol li kienet anti-unjins. Infatti, illum il-Unjins jirrapreżentaw biss 12% tal-ħaddiema. Dan huwa wirt ta' dak il-ftehim. Il-ftit unjins li jeżistu llum, fil-qasam *ta' tessuti, tal-kostruzzjoni, u s-sajd* m'għandhomx is-saħħa li jinnegozzjaw ma' l-Awtoritajiet.

Dan wassal biex il-pagi jibqgħu baxxi, fejn il-paga minima llum ma tlaħħaqx aktar minn €320 fix-xahar, f'pajjiż fejn l-għoli tal-ħajja huwa ferm ogħli.

L-edukazzjoni mill-livell primarju sa dak terzjarju ġiet kollha kemm hi privatizzata, fejn taħt Salvador Alleande din kienet b'xejn. Is-saħħa pubblika wkoll ġiet privatizzata. Pinochet kien privatizza kollox! Ħafna min-nies ma setgħux jħallsu, gawdew biss ftit kumpaniji privati.

L-ammont ta' kura li kont tieħu kienet skond kemm tiflaħ tħallas. Kien hemm biss xi għajnuna żgħira lill nies bla saqaf, imma biex tieħu l-għajnuna wkoll kien diffiċli.

***"L-ikbar tradiment tax-Xellug hu li aċċetta li Pinochet jaħrab mil-pajjiż u li l-pajjiż jitmexxa bl-istess mudell li ntroduċa Pinochet fi żmienu" – Ali Benigassan.***

Punt ieħor li tajjeb li jingħad kien li Pinochet kellu anke pressjoni 'esterna' biex jitlaq mil-pajjiż minħabba li hu ma ridtx li r-ramm jiġi privatizzat. Tinstemgħa stramba imma hekk hu! iċ-Ċili huwa l-ikbar esportatur tar-ramm. Infatti l-koalizjoni xellugija meta ħadet l-poter, l-ewwel li m'għamlet hu li biegħet bir-rabass ir-ramm lill-kumpaniji multi-nazzjonali. Illum il-gvern jikkontrolla biss 12% tal-produzzjoni tar-ramm. Il-kumpaniji privati li jisfruttaw ir-ramm, ftit li xejn jħallsu taxxi bħalma jiġri fi Żambia. Dana kollu hu mpost mil-IMF, inkella l-flus ta' għajnuna ma jaslux.

**X'inhi l-opinjoni tiegħek fuq il-Presidenta Michelle Bachelet miċ-ċentru xellug li ġiet eletta riċentament fiċ-Ċili?**

Michelle Bachelet studjat fil-Pentagon Amerikan, u mhux ġewwa universita fi Ċili.Tistgħu timmaġinaw allura! Taħt it-tmexxija tal-Gvern Demokristjan ta' Juan Bernardo Frei (fl-1994/2000) kienet ġiet nominata Ministru ta' Difiża, fejn taħt it-tmexxija tagħha nxtraw numru ta' ajruplani militari, li ħadd għadu sa llum ma jaf il-bżonn tagħhom x'kien. Lanqas li konna fi gwerra!

Tajjeb tkun tafu li meta ġiet eletta għall-ewwel darba fl-2006, aċċettat il-qerda tal-muntanja 'Pasqua Lama', muntanja li tinsab fin-naħa ta' fuq ta' Ċili, fil-fruntiera li tmiss ma' l-Arġentina. Taħta kien hemm minjera kbira ta' deheb.

Din il-muntanja kienet tissuplixxi l-ilma għal agrikoltura kollha f'din il-parti ta' Ċili, li kienet tipproduċi ħaxix u frott is-sena kollha. B'din l-esplojtazzjoni, l-agrikoltura spiċċat u magħha spiċċaw il-bdiewa u l-komunità agrikola. Kien hemm ħafna resistenza kontra dan il-proġett, minn movimenti soċjali, politiċi, parlamentari, ambjentali u ntelletwali. Is-sabiħa hi, li ġurnata qabel ma spiċċat minn presidenta awtorizzat il-bidu ta' dan il-proġett. Jien personali ma nafx li kienet attiva fil-partit soċjalista.

Infatti, wara li tilfet l-elezzjoni fl-2010, daħlet taħdem bħala ko-ordinattriċi ma' Rockefellar – kumpanija nvoluta fl-esplojtazzjoni ta' deheb u wara spiċċat direttur eżekuttiv fil-Ġnus Magħquda fil-qasam ta' Drittijiet tal-Mara. Dak kien ir-rigal li ħadet wara dan il-patt!!

Fuq spunt storiku, l-ewwel president elett wara d-dittatura ta'

***ikompli f'paġna 5***

# "Fl-Ukraina, il-moviment faxxista sab l-appoġġ ta' pajjiżi barranin."

Pinochet kien id-Demokristjan Patricio Aylwin Azócar, wara laħaq l-ex radikali Ricardo Froilán Lagos Escobar, wara id-Demokristjan Edourdo Frei, warajh iċ-ċentru xellugija Michelle Bachelet, u wara fl-2010 ġie elett il-president lemini Pinera u llum reġa' l-poter ingħata f'idejn Bachelet. Bachelet ġiet eletta bi 22% biss tal-voti. Presidenta, li essaġġ tista' tgħid li m'għandiex legalità!

L-ikbar rebbieħ fl-elezzjonijiet riċenti kien l-assenteiżmu, b'total ta' 56%. Ħafna nies qatgħu qalbhom mil-korruzzjoni parlamentari, pagi baxxi, prekarjetà b'xogħol temporanju, u trasferiment tar-riżorsi tal-pajjiż f'idejn ftit min-nies.

Tista' tgħid li teżisti inugwaljanza kbira fil-pajjiż, bħalma hemm fil-Brażil u Żambia. 1% tal-popolazzjoni fi Ċili tippossjedi 60% tal-ġid tal-pajjiż. Il-bqija tan-nies jgħixu b'pagi baxxi; xogħol prekarju; u oħrajn ibiegħu dawk li jistgħu fit-toroq.

**Taħseb li l-għanijiet ta' l-istudenti li ilhom issa żmien twil jiddimostraw fit-toroq sabiex l-edukazzjoni tkun bla ħlas, se jintlaħqu taħt it-tmexxija ta' Michelle Bachelet?**

L-istudenti, ilhom jipprotestaw għall-edukazzjoni b'xejn, bħala dritt, eżatt minn wara li nqatel Salvador Alleande. Il-pożizzjoni tal-istudenti ada sa llum ma ġietx milqugħa mil-awtoritajiet u lanqas mil-istess gvern ta' Bachelet, li kienet ġiet eletta għall-ewwel darba fl-2006. Allura, nemmen li l-moviment tal-istudenti se jkompli jipprotesta b'aktar forza taħt it-tmexxija ta' Bachelet.

**Imma mhux suppost Bachelet telgħet bl-għajta ta' edukazzjoni b'xejn għall-kullħadd?**

Fiċ-Ċili kien hemm numru ta' universitajiet, fosthom l-Università ta' Ċile, l-Università Kattolika, l-Università Del Sud u oħra Del Nord. Illum fiċ-Ċili għandek aktar minn 70 università, kollha privati, fejn il-popolazzjoni Ċilena tlaħħaq aktar minn 16 –il miljun persuna. Kull min għandu l-flus jiftaħ università, s'intendi bil-barka tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni. Huma jafu li n-nies trid tistudja, allura jagħmlu l-profitt minn fuq dan id-dritt.
Il-ġenituri jispiċċaw jiddejnu b'sagrifiċċji kbar, fejn imbagħad il-flus iridu jitħallsu lura. Hija sistema privatizzata. Ħafna membri fil-koalizjoni politika, kemm dik leminija u anke ċentru - xellugija huma azzjonisti jew sidien ta' universitajiet, liċeo, u skejjel privati.

Kullma qed toffri b'xejn, Michelle Bachelet, hi l-edukazzjoni bażika primarja, imma din għandha titħaddem mil-muniċipji, u mhux mil-ministru tal-Edukazzjoni. Hemm wisq interessi biex l-edukazzjoni tkun kollha b'xejn għall-kullħadd. Fl-I970 in-nies li ma jafux jaqraw u jiktbu fiċ-Ċili kien ta' 3% biss, llum in-numru jlaħħaq 40%, insejħilha "rigress kulturali".

**X'inhi soluzzjoni llum?**

***"Il-qasma fix-xellug llum hija kbira. In-nuqqas ta' partiti strutturati, b'koerenza politika u ideoloġika xellugija, holqot reazzjoni ta' movimenti fil-pajjiż, minn dawk tax-xellug, sa soċjali, femministi, ta' l-istudenti, ambjentali, tal-haddiema u oħrajn".***

Il-manifestazzjonijiet kbar li organizzaw il-movimenti tul dawn l-aħħar snin ħallew impatt kbir fl-elezzjoni li għaddiet; ta' astenzjonijiet, fejn dawn ħeġġew lin-nies biex ma jipparteċipawx fl-elezzjoni ġenerali. Filfatt ħafna min-nies ma vvotatx. Jonqos li dawn il-movimenti jingħaqdu flimkien u jiffurmaw moviment politiku.

Meta wieħed jitkellem fuq il-Partit Komunista Ċilen, dan il-partit irnexxilu jakkwista ħames siġġijiet fl-aħħar elezzjoni, fosthom dak taż-żgħażugħa li mexxiet il-protesti fit-toroq tal-istudenti, Camila Valejo *(ritratt fuq)*. Imma xorta fil-parlament jibqgħu minoranza totali, filwaqt li l-oħrajn għandhom maġġoranza kompluta. Din hija problema serja. Il-komunisti qed jippruvaw jgħaqqdu l-gruppi xellugin, radikali u progressivi warajhom. Jeżisti partit komunista ieħor *Partito Komunista Azione Ploretaria,* huwa partit radikali, koerenti ma' teorija marxista. Dawn ta' l-aħħar jorganizzaw numru ta' dimostrazzjonijiet kontra l-imperjaliżmu, fosthom b'solidarjetà mal-poplu Palestinjan, Libjan, u dak Veneżwelan.

**Kif tħares lejn ix-Xellug ta' l-Amerika Latina?**

It-tmexxija xellugija ta' Hugo Chavez ġabet rivoluzzjoni sħiħa, minn pajjiż fqir għal wieħed fejn il-faqar kważi ġie eredikat. F'diversi oqsma tal-ħajja ġab bidliet kbar, fosthom fl-edukazzjoni, saħħa, iġene, komunikazzjoni, u *'housing soċjali'*. Il-fatt hu, li l-Veneżwela għandha l-ikbar riżorsi taż-żejt, aktar mil-Lvant imbiegħed kollu flimkien. Dan huwa ta' mportanza kbira għall-Istati Uniti, li jiddependu ħafna minn dan iż-żejt, u għalhekk teżisti din l-ostalità.

Il-borgeżija fl-Amerika Latina hija 'kompratora', ma taħdimx favur proġetti nazzjonali, imma tixtri u tbiegħ. Il-kapitaliżmu hemm baqa' fi stat merkantili, ma għamilx il-qabża f'dik li hi l-industrija u qasam finanzjarju. L-uniku pajjiżi li għamlu dan il-pass 'il quddiem kienu l-Messiku, l-Arġentina u l-Brażil, imma wkoll llum dawn qed jiffaċċjaw problemi kbar.

Nemmen li huwa possibli li l-politika xellugija fl-Amerika Latina tirnexxi. Filfatt gvernijiet xellugin iffurmaw flimkien dak li aħna nsejħulu 'suq komuni', bl-isem



ta' "ALBA"- Alleanza Bolivariana favur il-Poplu tal-Amerika Latina - *(Bolivarian Alliance for the Peoples of Our America)*, bħala alternattiva għall-ideoloġija Amerikana ta' suq ħieles (OEA). Teżisti ħafna ostilità mil-popli fl-Amerika Latina għall-politika neoliberali li kienu mponew l-Istati Uniti f'dan il-kontinent. Il-proġett ALBA qed jaħdem illum. ALBA preżentament hija organizzazzjoni politika wkoll. Għad hemm frammentazzjoni f'dak li hu kummerċ bejn il-pajjiżi tal-Karibew, l-Amerika Ċentrali u dik t'isfel.

Il-problema li nara f'dawn il-pajjiżi, hi li hemm ħafna propoganda kkontrollata minn konsorzji kbar kapitalisti Internazzjonali.

Fil-Veneżwela hemm appoġġ popolari kbir għall-gvern xellugi, imma l-maġġor parti tal-kontroll tal-midja u l-istampa għadu f'idejn il-kontroll tal-borgeżija Amerikana, bl-appoġġ ta' kapitalisti barranin. Hija problema serja din! Ix-xellug irid jaħdem aktar biex iżomm l-appoġġ popolari. Ir-riskju li tintilef il-leġittimità elettorale qiegħda hemm. L-oppożizzjoni jsibu l-appoġġ finanzjarju minn barra, bħalma ġara fl-Ukraina. Fl-Ukraina, il-moviment faxxista sab l-appoġġ ta'pajjiżi barranin. Dik hija l-paradossija fil-politika tal-punent.

**Il-politika neoliberali ġiet abolità fl-Amerika Latina, x'ifisser dan?**

In-neoliberaliżmu falla, imma għada fażi din, għax mhux kullumkien ġiet żmantellata din il-politika. Hemm dialettika; ma nistgħux ngħidu li fejn hemm gvern elett demokratikament mhux se jkun hemm reżistenza mil-lemin biex jirbħu l-poter u jerġaw jintroduċu din il-politika. F'Kuba, il-poter ħadu grupp militari anti-imperjalista li mbagħad trasforma ruħu f'wieħed Komunista.

Fil-Veneżwela ma jistax isir dan għax il-gvern hu elett demokratikament. Imma l-forzi tal-lemin se jagħmlu minn kollox biex jirbħu u anke jneħħu l-gvern mil-poter b'miżuri oħra. Il-logħba politika hija f'idejn il-borgeżija, u faċli li jidħlu l-Amerikani fin-nofs; dak hu l-kuntratt politiku li għandhom l-Amerikani ma' l-oppożizzjoni f'diversi f'pajjiżi tal-Amerika Latina. Eżempju fil-Paragwaj u l-Ħonduras sar kolp ta' stat appoġġjat mill-Amerikani, fuq gvernijiet xellugin eletti demokratikament. Telesur hi l-uniku midja xellugija fl-Amerika Latina, maħluqa mil-gvern ta' Chavez li qed tinforma n-nies dwar dak li għaddej fil-pajjiżi ġirien.

**Kif tħares lejn ix-Xellug fl-Ewropa?**

Jien ngħix fl-Italja. In-nies tidher li għadha ma qamitx. Għalkemm saru numru ta' manifestazzjonijiet, waqfu hemm imma dawn. Il-familji iridu biss ix-xogħol, biex jgħixu u b'hekk iżżomm is-sistema preżenti. Ma hemmx kuxjenza fost il-poplu li jgħidu li aħna vittma ta' din is-sistema applikata u lanqas il-politiċi m'huma jgħiduha din, u lanqas il-militanti tal-partit komunista. In-nies jibżgħu. Nieħdu eżempju, fl-2002, meta Bush u neo-cons iddikjaraw gwerra fuq l-Iraq kien hemm manifestazzjonijiet kbar kontra l-gwerra. Meta n-nies timmanifesta jfisser li ma jridux gwerra. *"Rajtu manifestazzjonijiet kontra l-gwerra fis- Sirja u l-Libja?"*

**U għalfejn dan ma ġarax?**

Ma ġarax minħabba li neo-cons irnexxilhom jippersvadu n-nies li l-uniku sistema li taħdem hi din, sistema neoliberali, li ma hemmx alternattiva oħra. Dawk il-pajjiżi li jippruvaw jkunu indipendenti minn din is-sistema neoliberali huma klassifikati bħala "għedewwa tal-progress, u kultura", "dittaturi", "kattivi". Din fis-soċjoloġija nsejħulha l-aljenazzjoni kulturali jew aħjar "*neocolonizzatore cultural"*. L-esperjenza ta' Salvador Allende kien 'soċjaliżmu paċifiku', imma neo-cons ma setgħux iħallu li dan il-proġett jinfirex fil-pajjiżi l-oħra tal-Amerika Latina.

Warren Baffet, investitur kbir Amerikan kien qal "li *aħna irbaħna il-ġlieda tal-Klassi u mhux il-ħaddiema".*

Ali Benigassan għalaq l-intervista b'messaġġ pożittiv għax-xellug lill-qarejja ta' Żminijietna li

***"In-neoliberaliżmu rebaħ sa ċertu punt, imma fl-istess ħin falla għax ma rnexxilux inaqqas il-faqar, jtejjeb il-livell tal-għajxien, jtejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-ambjent. Is-soluzzjoni hija soċjaliżmu, ma hemmx alternattiva oħra! La Iżlam, la Ġudaiżmu, la Kristjaneżmu, la Buddiżmu, u għalhekk jibqgħu jiġġieldu b'saħħa pajjiżi li jiżirgħu naqra soċjaliżmu fihom."***

# PENSJONI TA' L-ISTAT

*Il-problema tal- Faqar u l-Adekwatezza tal-Pensjonijiet*

***minn Carm Mallia***

Fil-ħarġa tal-31 ta Lulju, 2014 tal-gazzetta Business Observer ġie rrapportat li l-Onor Ministru tal-Finanzi, Prof. Scicluna, stqarr lis-sitwazzjoni dwar il-pensjonijiet mhix allarmanti.

Żied ukoll li l-istabilitá tas-sistema pensjonistika tiddependi ħafna fuq it-tkabbir ekonomiku sostnut. Ikkonferma li l-obbligu ta' l-istat dwar il-pensjonijiet huwa li mhux biss irid jipprovdihom u jsostnihom iżda jaċċerta li l-pensjonanti jkunu kapaċi jgħixu ħajja diċenti wara li jirtiraw mix-xogħol.

Is-sistema hija mibnija fuq tlett pilastri. L-ewwel il-Pensjoni tal-istat – (Tal-Bolli), it-tieni – L-*Occupational Pension* marbuta mas-servizz u t-tielet huma l-pensjonijiet privati. Dawn ta' l-aħħar ilhom magħna għal żmien twil.

Ma hemm l-ebda dubju li l-pensjoni ta' l-istat – tas-Sigurtá Soċjali hija u għandha tibqa' l-aktar importanti. Hija s-sors ewlieni ta' dħul finanzjarju għaċ-ċittadini ta' meta jirtiraw mix-xogħol.

L-*Occupational Pension* u l-Pensjonijiet Privati huma ikkonsiderati bħala pensjonijiet supplimentari. Il-funzjoni tagħhom hija sabiex ikabbru d-dħul tal-pensjonant u għaldaqstant ikun jista' jgħix aħjar meta jirtira.

Hawn jidħlu d-diffikultajiet li wieħed għandu jsaqsi dwarhom, F'Malta u f'Għawdex il-ħaddiema kollha għandhom dħul adekwat mix-xogħol biex ikun possibbli għalihom li jieħdu sehem f'xi wieħed minn dawn il-pilastri?

Eluf ta' ħaddiema għandhom



dħul baxx u għaldaqstant ma jibqgħalhomx biżżejjed flus f'idejhom biex jipparteċipaw.

Fiċ-ċirkostanzi u f'isem il-ġustizzja soċjali huwa obbligu ta' l-Istat li jipprovdi pensjonijiet diċenti u adekwati lil dawn iċ-ċittadini. Mhux hekk biss, f'każi fejn persuna/persuni ikollhom dħul anqas minn 60% ta' Dħul Medjan Ekwalivizzat irid jingħata d-differenza bħala allowance supplimentari.

Il-problema tal-faqar/riskju tal-faqar tkun indirizzata b'din il-miżura soċjali u ta' solidarjetá ma' persuni fil-bżonn. Il-preokkupazzjoni ta' kulħadd hija iffokata dwar is-sostenibilitá tal-pensjoni ta' l-istat. Huwa fatt li ma jistax ikollok adekwatezza mingħajr ma tindirizza l-ewwel is-sostenibilitá. Jidher li mixjin fit-triq it-tajba iżda jonqos ħafna xi jsir.

Wasal iż-żmien, wara erbgħajn sena, li jsiru diskussjonijiet ma' l-*istakeholders* kollha dwar '*ring fencing*' tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-benefiċċji soċjali kontributorji li jaqgħu taħt l-Att dwar is-Sigurtá Soċjali.

Irid isir xi forma ta' eserċizzju li minnu jkun hemm indikazzjoni ċara jekk l-ammont tad-dħul mill-bolla hux biżżejjed biex ikopri l-ispejjez tal-benefiċċji kontributorji kollha nkluż il-pensjonijiet. Minn hawn toħroġ stampa reali jekk il-benefiċċji kollha humiex sostenibbli jew le.

Ir-*ring fencing* iffisser li d-dħul mill-bolla u l-infieq tal-benefiċċji kontributorji ma' jibqax marbut mal-*Consolidated Revenue Fund* iżda jsir fond għalih waħdu bħal ma kien sa 1974. Issa naqblu jew ma naqblux dwar ir-*ring fencing* irridu nieħdu dawn il-miżuri.

Nedukaw lin-nies biex il-bolla titħallas fi żmien meta hija dovuta u mhux tard. Din għandha tkun ibbażata fuq id-dħul veru u mhux fabbrikata biex tiffranka l-flus. Din id-drawwa ħażina trid b'xi mod tkun mrażżna wara kollox għal ġid tal-persuna stess għax jieħu pensjoni anqas.

Hemm bżonn aktar infurzar tal-liġi. Spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol ta spiss u aktar regolari, żgur li jżidu d-dħul minn dan is-sors.

Hemm bżonn ta' aktar kontroll kif jingħataw il-benefiċċji. Din hija pjaga li trid tkun indirizzata biex nikkontrollaw l-infieq.

Pass tajjeb biex il-benefiċċji soċjali jkunu sostenibbli hija ż-żieda tan-nisa u anzjani fid-dinja tax-xogħol.

Ma' dawn hemm bżonn li nirregolarizzaw lil eluf ta' ħaddiema mmigranti, kemm għal ġid tagħhom, kif ukoll biex inkabbru d-dħul. Naturalment ma' dawn is-suġġerimenti dwar is-sostenibilitá tal-pensjonijiet hemm oħrajn.

Biex inkomplu ma' dak li qal il-Ministru tal-Finanzi rridu nagħmlu dak kollu possibbli biex il-problema ma ssir qatt allarmanti. B'dan kollu irridu nżommu għajnejna miftuħin beraħ għal dak kollu li jkun qed jiġri madwarna ħalli minn żmien għal żmien naddattaw skond iċ-ċirkostanzi.

Fl-1948 bdew il-benefiċċji mhux kontributorji filwaqt li l-benefiċċji kontributorji daħlu fis-seħħ 1956. Id-dmir tagħna hu li għandna nibżgħu għal dan il-ġid sabiex inħalluh bħala wirt lil ġenerazzjonijiet ta' warajna.

# A DAWN IN SEVILLE

***Marie Anne Zammit***
***Price: 10 Euros***

In 1936, Spain was afflicted by civil war. This was after the Spanish army in Morocco, led by General Francisco Franco, rose up against the democratically elected Republican government. The Republicans comprised of workers, peasants and trade unions, and was in coalition with Socialists, Communists and Anarchists. The Right, known as the Nationalists, were supported by rebellious factions of the army, industry, landowners, the middle classes and the Catholic Church.

In Seville, Rosella, a young woman, lived in her own world of writing, history and secrets from the past. Yet, her world was unexpectedly interrupted by the sudden death of the famous poet Frederico Garzia Lorca and her father s' secret involvement with the Socialist supporters. Later on, in 1939, General Franco's victory led to the beginning of a forty-year dictatorship in Spain.

From then onwards, Rosella found herself entangled in a web of forbidden passion, torn by love for both sexes and protecting a secret conspiracy against General Franco.

In times of dictatorship, where freedom of expression and liberal actions were prohibited, only persecution, torture and death were what confronted those who went against these rules, Rosella, amongst them. And her ideals, writing and love remained her only hope.




***The author can be contacted on mariefrances3@gmail.com***

# It-Theddida Ta' TTIP

*minn A. Pert - Birkirkara*

Sidien ta' azjendi kbar multinazzjonali fasslu pjan għal żona ta' kummerċ aktar ħieles milli qatt kien, u milli huwa aċċettabbli f'soċjetá ċivilizzata. Ipproġettaw kif jgħaddu b'awtoritá minn fuq liġijiet u regolamenti eżistendi, li b'xi mod jillimitaw il-kilba naturali għall-qliegħ askapitu tal-ambjent u ċittadini.

Wasslu lit-tmexxija tal-Istati Uniti (US) u l-(UE) li jiddiskutu dan il-pjan u jimplementawh taħt ftehim ġdid b'qafas ta' regoli ġodda magħruf bħala*"Transatlantic Trade & Investment Partnership" jew fil-qasir (TTIP).*

Dan il-ftehim jew trattat huwa mmirat li jbiddel drastikament il-liġijiet kummerċjali internazzjonali bejn iż-żewġ blokki (US) u l-(UE), li jġib fix-xejn il-kompitu tal-qrati, li jirregola l-industrija/negozju/investiment f'kull pajjiż rispettiv fl-Ewropa. Huwa ntenzjonat li jidħol b'riperkussjonijiet kbar fl-oqsma tal-ambjent, saħħa, kundizzjonijiet tax-xogħol, u kwalitá tal-ħajja taċ-ċittadini.

L-ambjent se jsofri mill-libertinaġġ ekonomiku favur in-negozjanti l-kbar. Is-suq ħieles tal-prodotti ġenetikament modifikati (GMO`s) - li qed jimponi dan il-ftehim, mhuwiex rakkomandabbli għas-saħħa pubblika; se jikkontamina l-uċuħ tar-raba'; jhedded l-agrikoltura tradizzjonali u dik żgħira u jhedded l-ambjent bi żbilanċ ekoloġiku kbir.

Rigward il-libertinaġġ fil-




kummerċ u transazzjonijiet finanzjarji, nafu x'jista jiġri mil-esperjenza li kellna f'dan l-aħħar diċennu, meta l-awtoritajiet għalqu għajnejhom għar-regoli, u ħallew lill-bankiera jfallu l-akbar banek u ġabu kollass finanzjarju f'ħafna pajjiżi żviluppati, fosthom il-Greċja, l-Italja, l-Islanda, l-Irlanda, Spanja u oħrajn.

It-TTIP huwa ntiż ukoll li jirrestrinġi l-ħidma tal-Unjins, biex l-akkwisti passati tal-ħaddiema jerġgħu jitreġġaw lura, b'faċilita għas-sidien biex ikabbru l-profitti tagħhom.

Wieħed jistaqsi: Tgħid il-proposti rigressivi mressqa mil-MEA dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, tressqu apposta bħala "feeler" għal din it-theddida?

Dan it-taqlib kollu huwa maħsub li jsir bid-dħul ta' regolamenti ġodda mfassla minn dan it-Trattat, li jkunu aqwa mil-liġijiet sovrani ta' kull pajjiż. Jidher li l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti se tkun assigurata minn "tribunal ġdid" bil-kompitu li jassigura li fejn hemm xi xkiel 'ta' regolamentazzjoni ta' protezzjoni mil-istat', dana jkun suġġett għal passi legali sabiex il-pajjiż josserva r-regoli l-ġodda tal-politika ekonomika neoliberali li se jimponi dan it-Trattat.

Din it-theddida wieħed jista' jassoċċja fil-każ topiku tax-xogħol prekarju f'Malta, li jagħti ħjiel tad-daqqa kbira li jaqla' l-ħaddiem jekk jidħol fis-seħħ dan it-trattat. Gvern laburista ipprova se ċertu punt jrażżan ix-xogħol prekarju billi ħa passi konkreti kontra ċertu kumpaniji li ħaddmu n-nies bil-prekarjat fosthom il-kumpanija ARMS. Jekk ikun approvat it-trattat TTIP, il-gvern żgur li jitlef is-setgħa li jagħmel dan, u jiġi mmultat jekk jipprova.

Dan ifisser li r-regolamenti l-ġodda li jġib miegħu dan it-Trattat se jirrendu l-liġijiet ta' kull stat fl-Ewropa bħala ineffettivi, waqt li s-setgħat inkundizzjonati ta' *tribunal internazzjonali* se jimminaw il-kompetenza tal-gvern u jgħelbu s-supremazija kostituzzjonali ta' kull pajjiż, u jmermru s-sovranitá tal-istat u l-poplu tiegħu.

Allura b'dan it-trattat, stati u gvernijiet u ċittadini se jitneżżgħu mil-iprem drittijiet li rebħu fl-aħħar seklu. Element qawwi progressiv mill-klassi politika Ewropea mhux jaqbel ma' dan it-Trattat li qed jinħema l-bogħod mir-rappreżentanti tal-poplu. Qegħdin jopponu bi grinta għax jafu li ebda ftehim ma jidħol fis-seħħ mingħajr l-approvazzjoni tal-parlament Ewropew (PE). Mela biex ngħelbu t-theddida tat-trattat, importanti li jinġieb aktar appoġġ politiku, biex il-kundizzjonijiet rigressivi tat-TTIP ma' jigux approvati mil-Parlament Ewropew.

Numru ta' organizazzjonijiet qegħdin jippreparaw biex titellgħa protesta kbira mall-pajjiżi kollha tal-Ewropa kontra dan l-attakk sistematiku tal-ftit sidien kbar fuq il-ħaddiema, il-popli, il-gvernijiet u l-Istati Ewropej.

Minbarra s-sehem mistenni tagħhom f'din l-attivita ta' solidarjetá, l-ewwel dmir tal-unjins tagħna huwa li jħeġġu lill-MEP's Maltin biex jopponu dawk il-miżuri rigressivi li se jkunu proposti fi TTIP, meta jitressaq għal approvazzjoni tal-parlament Ewropew. L-istess qed nistennew li l-Konfederazzjoni ta' Trejdjunjins Ewropej (ETUC) tingħaqad fil-front progressiv fl-Ewropa kontra TTIP. Diversi unjins tal-ħaddiema diġá iddikjaraw li se jipparteċipaw fid-dimostrazzjonijiet li se jsiru kontra dan il-ftehim, bl-ewwel manifestazzjoni li se ssir is-Sibt - 11 ta' Ottubru, madwar l-Ewropa.

# Alleanza Liberali b'żewġ ufficċji

**John Zammit**
jpzammit@gmail.com

L-Alleanza Liberali, wara li fit-twaqqif tagħha, fis-26 ta' Novembru 2006 kienet fetħet uffiċċju fil-Belt Valletta, u li għal dawn is-snin għamlet użu tiegħu permezz ta' konferenzi, intervisti, taħdidiet, wirjiet u attivitajiet oħra, inkluż il-laqgħat ġenerali annwali, minn Ġunju 2013 'l hawn fetħet uffiċċju ieħor ġewwa Għawdex, minn fejn qed nilħqu votanti Għawdxin, tant hu hekk li jekk kollox jimxi sew, se jkollna kandidat għad-distrett ta' Għawdex għall-elezzjonijiet ġenerali li jmiss.



Rigward il-kuntatti ma' barra, speċjalment mal-ALDE – Alleanza tal-Liberali u Demokratiċi ta' l-Ewropa u l-ELF – il-European Liberal Forum u anke mal-Liberal International, dawn kull ma jmur jkomplu jiżdiedu, tant li qed inkunu mistednin diversi drabi fl-attivitajiet tagħhom u li xi wħud attendejna, minbarra li aħna wkoll membri assoċjati tal-ALDE.

Fost żjarat li jien għamilt għand partiti liberali. kien hemm laqgħa fil-kwartieri tal-Liberali ġo Brussel, ġo Londra, ġo Parigi, ġo Berlin, ġo Vienna u ġo Moskow. Dawn iż-żjarat, dejjem jekk ikun possibbli, minħabba li jirrikjedu li jkollok ċertu finanzi, nispera li jkomplu 'il quddiem.

L-ikbar problema pero' hija f'Malta, fejn insemmu li hawn id-demokrazija, iżda fil-fatt ma hawnx, għax għadna niġu bbojkottjati mil-midja tal-Partiti u tal-PBS (Public Broadcasting Services) li suppost huwa tal-pubbliku kollu, imma li fil-fatt dejjem jirriduċi lilu nnifsu bħala l-vuċi ta' min ikun fil-gvern tal-ġurnata.

Nagħlaq b'messaġġ ta' nformazzjoni li l-kumitat ta' l-Alleanza Liberali hu magħmul minn: Kap/Ċermen: John Zammit, Segretarju Ġenerali: Jean-Pierre Sammut, Segretarju Internazzjonali: Hans-Jorgen Gotsche (Daniż), Membri: Dr. Rev. Micheal Cope (qassis Anglikan Ingliż), Frans Carabott, Joe Gatt, Joe Montesin, Andrew McKay (Kanadiz) u Peter Lowe (Svediż).

Kull min jinteressaħ li jingħaqad ma' l-Alleanza Liberali għandu jikteb lil: Alleanza Liberali, 67, Strait Street, Valletta VLT 1436 jew jibgħat emejl: mail@john-zammit.eu jew fuq facebook.

Fir-Ritratt tidher l-gallarija tal-bini fejn għandha uffiċċju l-Alleanza Liberali, li jinsab ukoll fuq Triq it-Teatru l-Qadim, kantuniera ma' Triq id-Dejqa, Valletta.



# The Environmental Impact and Civil Society Matters following Malta’s EU Accession

***Michael Briguglio***

Environmental activism in Maltese civil society was already in place prior to Malta’s EU accession.

During the 1960s, Din l-Art Ħelwa, Malta Ornithological Society (which eventually became Birdlife Malta), and Society for the Study and Conservation of Nature (which eventually became Nature Trust) were established, mainly emphasising issues related to conservationism and development of land.

During the 1980s Żgħażagħ għall-Ambjent (which eventually became Moviment għall-Ambjent – Friends of the Earth Malta) joined the fray, introducing the discourse of sustainable development in Maltese environmental politics.

In 1989, Malta’s Green Party, Alternattiva Demokratika, was born. This party, which was briefly preceded by the Democratic Party (PDM), helped ensure that the environment became a major political issue in Malta. Its presence in a small number of local councils has been another achievement.

During the 1990s, collaboration and cooperation amongst ENGOs increased.

The militant and socially-oriented NGO Moviment Graffitti joined ranks, and eventually, other NGOs also joined environmental campaigns.

Examples of such alliances included the Front against the Hilton redevelopment project in St Julians and the Front Against the Golf Course, - the latter comprising a broad coalition made up of diverse environmental, social, cultural, religious and political organisations.




The proposed golf course development was refused by MEPA in 2004, but this victory was not connected to Malta’s EU accession.

This historic environmental victory was similar to others which were not related to EU accession. These included alliances against a proposed leisure complex in Munxar in the mid-1990s; against the proposed Siġġiewi cement plant and against a proposed landfill near Mnajdra temple. Another proposed development – that of an airstrip in Gozo – has been disappearing and resurfacing from one legislature to another.

In the meantime, Malta joined the EU. In line with the EU acquis, the country introduced legislation related to the environment, in areas which previously had no regulations. This generally led to environmental improvements and structural upgrading, though there were some notable exceptions, such as Malta’s shift to plastic soft-drink bottles.

Upon Malta’s EU accession, new ENGOs, such as Flimkien għall-Ambjent Aħjar (FAA) and Ramblers’ Association emerged. EU membership was discursively constructed as being beneficial to Malta’s environment. New lobbying opportunities were created for ENGOs.

In the first years following Malta’s EU accession, ENGOs were mainly active in issues such as development of land and hunting and trapping.

They were rather successful in relation to sensitizing and procedural impacts. These relate to processes such as raising public awareness and in being consulted by State authorities, though the latter leaves much to be desired.

As regards substantive impacts, ENGOs were generally not succesful in environmental issues in which they were active.

For example, as regards development projects, Malta’s EU accession was not deemed as a sufficient source of ENGO empowerment. Indeed, in most instances – for example in the environmentalist struggle against the so called ‘rationalization’ process of land development - the discourse of economic growth and neo-liberal ideology prevailed.

There were specific exceptions to this however – such as the environmentalist victory over the development of a carpark and shopping centre beneath a popular public garden in Sliema - but this had more to do with local and national political considerations.

An area were ENGOs achieved substantive impacts was the climate change, where Malta adopted binding EU targets, which, however, were subsequently not adhered to.

As regards hunting and trapping, environmentalists pressed for Malta’s conformity to the EU birds’ directive. Many believed that EU legislation would effectively result in an end of hunting during the Spring season.

What actually happened was that ENGOs like Birdlife Malta experienced institutionalisation and had considerable access to European institutions, but hunting in Spring remained largely in place. The ambivalent decision of the European Court of Justice on the Maltese case resulted in plural interpretations.

This resulted in further antagonism from the environmental movement, which has collected enough signatures for an abrogative referendum on hunting. Hence, as far as the case of Birdlife shows, institutionalisation of ENGOs does not always render an organisation docile to the State.

Yet the hunting issue also shows that even Europeanized issues are very much subjected to national political antagonisms.

In short, though empowerment of ENGOs was generally enhanced through EU accession, this was an uneven process.

***Note: This speech was delivered during “MALTA’S EU STORY: HOW TEN YEARS OF EU MEMBERSHIP HAVE CHANGED THE COUNTRY”: JOINT SEMINAR BY THE OFFICE OF THE EUROPEAN PARLIAMENT IN MALTA AND THE TODAY PUBLIC POLICY INSTITUTE - Europa House, St Paul’s Street, Valletta. Friday, 3rd October 2014***

# Working with the Government or with a Private Enterprise?

Many want to work with the government because quite often the conditions are better.

However, as there are very few officers with the government that do enforce discipline, governments are reluctant to employ workers with them, and many governments opt to employ contractors or private enterprises to do the necessary work (outsourse), and so quite often the workers find themselves working at very disadvantaged conditions.

For this condition to stop, discipline should be enforced in the public sector. It is much better for the worker to work under a mild discipline system, than under the intensive system under most private sectors. What I suggest is that: Administrative officers and higher officials with the government would have their salary divided into two, one would be a regular wage and the rest would be a sum of money for performance duties.

There should be an office, preferably under the President of the Republic, where people who have a complaint against an employee or a department would state his /her complaint. The person who makes the complaint would have to make his/her identity known to the office of the president.

If a certain percentage of complaints are made against a department, the head of the department would not get the sum of money tied to his/her salary.

If this happens for two consecutive years he/she would be demoted. If a person can’t exercise discipline s/he should not occupy a position of authority.

The Head of department would have the power to withhold the sum of money attached to an A.O who has a certain percentage of reports against him/her.

I believe that if such a system is introduced both the workers and the public should be satisfied.

***Josephine Gatt-Ciancio***
***Kalkara***


## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:

--------------------------------------------------------------------------------

Indirizz:

--------------------------------------------------------------------------------

Emejl:

--------------------------------------------------------------------------------

Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma’ ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***